

- 2) Eżenzjoni mit-taxxa, fejn xierqa, tista' tingħata għal prodotti tal-enerġija użati għat-trattament termali tal-arja tal-egżost biss kemm-il darba, fil-proċess tat-trattament termali tal-arja tal-egżost, dawn il-prodotti jidħlu wkoll, bħala materjal mhux ipproċessat, bażiku jew awżiljarju, fil-kompożizzjoni ta' prodott li jirriżulta minn dan it-trattament?
- 3) Eżenzjoni mit-taxxa hija prekluzja għal prodotti tal-enerġija użati għat-trattament termali tal-arja tal-egżost fil-każ li l-enerġija termali li toħroġ mit-trattament tal-arja tal-egżost tiġi wkoll parzjalment użata għal skopijiet ta' tisħin u/jew ta' tnixxif? Tali eżenzjoni hija wkoll prekluzja, fejn xieraq, fil-każ li tkun meħtieġa inqas enerġija għat-tisħin u/jew għat-tnixxif mill-enerġija disponibbli fl-arja tal-egżost u li toħroġ mit-trattament termali tagħha?

(¹) Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-
24 ta' Novembru 2014 – Toorank Productions vs Staatssecretaris van Financiën**

(Kawża C-532/14)

(2015/C 065/31)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Toorank Productions BV

Konvenuta: Staatssecretaris van Financiën

Domandi preliminari

L-intestatura tan-NM 2206 għandha tiġi interpretata fis-sens li jeħtieġ li tiġi kklassifikata taħta xarba b'livell ta' alkoħol ta' 13,4 % li hija prodotta permezz ta' taħlita ta' xarba (bażika) alkoħolika ppurifikata msemmija "Ferm Fruit" – miksuba permezz tal-fermentazzjoni ta' konċentrat tat-tuffiegħ – ta' zokkor, ta' toġhmiet, ta' koloranti, ta' aġenti tal-palat, ta' aġenti li jgħaqqdu, ta' aġenti li jikkonservaw u ta' alkoħol ddistillat, fejn dan tal-aħħar ma jirrappreżentax, f'termini ta' volum u ta' perċentwal, iktar minn 49 % tal-alkoħol preżenti fix-xarba, filwaqt li 51 % minn din tal-aħħar huwa alkoħol provenjenti mill-fermentazzjoni? F'każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, is-subintestatura NM 2208 70 għandha tiġi interpretata fis-sens li tali xarba għandha tiġi kklassifikata taħta bħala likur?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-
24 ta' Novembru 2014 – Toorank Productions vs Staatssecretaris van Financiën**

(Kawża C-533/14)

(2015/C 065/32)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Toorank Productions BV

Konvenut: Staatssecretaris van Financiën

Domandi preliminari

- 1) L-intestatura NM 2206 għandha tiġi interpretata fis-sens li għandha tiġi kklassifikata fiha x-xarba bl-isem "Ferm Fruit", li tinkiseb permezz tal-fermentazzjoni ta' konċentrat tat-tuffieġh, li sservi wkoll bħala xarba ta' bażi fil-manifattura ta' xi xarbiet oħra, li għandha qawwa alkoħolika bil-volum ta' 16 % u għandha – bl-effett ta' purifikazzjoni (b'mod partikolari permezz ta' ultrafiltrazzjoni) – kulur, riħa u toġhma newtrali, u li magħha ma jiġix miżjud alkoħol iddistillat? F'każ ta' risposta fin-negattiv għal din id-domanda, l-intestatura NM 2208 għandha tiġi interpretata fis-sens li tali xarba għandha tiġi kklassifikata fiha?
- 2) L-intestatura NM 2206 għandha tiġi interpretata fis-sens li għandha tiġi kklassifikata fiha xarba li għandha qawwa alkoħolika bil-volum ta' 14 % li tiġi mmanifatturata billi x-xarba (ta' bażi) msemija fid-domanda 1 titħallat biz-zokkor, b'sustanza aromatika, b'sustanza koloranti, ħwawar, b'aġenti li jorbtu u bi priżervanti, u li ma fihex alkoħol iddistillat? F'każ ta' risposta fin-negattiv għal din id-domanda, l-intestatura NM 2208 għandha tiġi interpretata fis-sens li tali xarba għandha tiġi kklassifikata fiha?

Appell ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2014 minn Holcim (Romania) SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-18 ta' Settembru 2014 fil-Kawża T-317/12, Holcim (Romania) SA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-556/14 P)

(2015/C 065/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Holcim (Romania) SA (rappreżentant: L. Arnauts, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla), tat-18 ta' Settembru 2014, fil-Każ T-317/12, Holcim (Romania) SA vs Il-Kummissjoni Ewropea;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-317/12 u għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;
 - tirtirinja l-kawża lill-Qorti Ġenerali
- sussidjarjament, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif mitluba quddiem il-Qorti Ġenerali:
- tikkonstata li, fir-rigward tad-dannu sostnut mir-rikorrenti wara s-serq ta' miljun kwota, l-Unjoni Ewropea għandha tirispondi għall-aġir tal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikoli 256, 268 u 340 TFUE;
 - tordna lill-Unjoni Ewropea tħallasha l-valur tal-kwoti misruqa li jkunu għadhom ma ġewx irkuprati sad-data tas-sentenza definittiva, u dan għall-prezz tas-suq fis-seħħ fid-data tas-serq, flimkien mal-interessi bir-rata ta' 8 % fis-sena mis-16 ta' Novembru 2010;
 - konsegwentement, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 1 b'mod provviżorju;
 - tordna lill-partijiet jiftiehmu fuq l-ammont tad-dannu u/jew tordna lir-rikorrenti tipprova l-portata definittiva tad-dannu tagħha, fit-tliet xhur wara s-sentenza interlokutorja;
 - tiddikjara s-sentenza eżekuttiva.